TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 66/17-F

**Rose Tonna**

**vs**

**Eurosport – Michele Peresso Ltd.**

Illum 13 ta' Frar, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-7 t'April, 2017 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' disa' mitt ewro (€900), rappreżentanti prezz ta' treadmill illi wara ftit li nxtrat ġralha l-ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat treadmill mingħand is-soċjeta' ntimata għall-prezz ta' disa' mitt ewro (€900), u wara ftit kellha l-ħsara.

Illi minkejja li s-soċjeta' ntimata ssottomettiet li ma kellhiex problemi, bidlulha din it-treadmill, u t-treadmill il-ġdida wkoll bdiet tikkawża problemi u ma setgħetx tużaha.

It-Tribunal, ta ċans lill-intimat sabiex jara kif se jsolvi din il-problema, pero' wara ftit reġgħet bl-istess problema.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota li minkejja li s-soċjeta' ntimata għamlet minn kollox sabiex tipprova taqdi lir-rikorrenti, xorta l-problema baqgħet tippersisti, u għaldaqstant it-Tribunal kellu jgħaddi għas-sentenza.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, stante li qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti u li din mhix qed taħdem, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tmien mitt ewro (€800), u b'dan illi t-treadmill tiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**